MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

**John Mary sive Jimmy VELLA**

**vs**

**CROWN HOTELS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur huwa importatur u bejjiegħ bl-ingross ta' prodotti veġetali, frottijiet u simili;

Illi s-soċjeta' konvenuta xtrat mingħand l-attur diversi konsenji ta' merkanzija, in konnessjoni ma' liema konsenji għad fadal bilanċ dovut ta' sitta u għoxrin elf disa' mija u erbgħa u tletin lira maltin u tlieta u tmenin ċentezmu (Lm26,934.83);

Illi għalkemm debitament interpellata għall-ħlas, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti;

Illi d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut, u għalhekk in vista tad-dikjarazzjoni attriċi, kif ukoll ta' l-affidavit anness a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12, jikkonkorru l-elementi kollha meħtiega sabiex jiġi dispensat is-smigħ;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddeċiedi din il-kawża skond is-segwenti talba attriċi bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara s-soċjeta' konvenuta debitriċi ta' l-attur fis-somma ta' sitta u għoxrin elf disa' mija u erbgħa u tletin lira maltin u tlieta u tmenin ċentezmu (Lm26,934.83) u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur tali somma ta' sitta u għoxrin elf disa' mija u erbgħa u tletin lira maltin u tlieta u tmenin ċentezmu (Lm26,934.83);

Bl-imgħax kummerċjali ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mid-dati tar-rispettivi skadenzi tal-krediti individwali li jiffurmaw is-somma mitluba; bl-ispejjeż legali inkluzi dawk relattivi għall-mandat ta' qbid fl- istess ismijiet mitlub kontestwalment; bl-ingunjzoni tar-rapprezentanti tas-soċjeta' konvenuta minn issa in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi nkluz kontra d-diretturi tas-soċjeta' konvenuta ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda ta’ l-attur;

Semgħet l-Avukat ta’ l-attur;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta’ konvenuta tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b’dan illi:

1. Tiddieċiedi din il-kawża skond is-segwenti talba attriċi bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara s-soċjeta’ konvenuta debitriċi ta’ l-attur fis-somma ta’ sitta u għoxrin elf disa’ mija u erbgħa u tletin lira maltin u tlieta u tmenin ċentezmu (Lm26,934.83); u tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lill-attur tali somma ta’ sitta u għoxrin elf disa’ mija u erbgħa u tletin lira maltin u tlieta u tmenin ċentezmu (Lm26,934.83);

U bl-imgħaxijiet legali kif mitluba fl-Att taċ-Ċitazzjoni kontra is-soċjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------